# IL-QANPIENA

April 2009 | Parroċċa Sant'Elena - Birkirkara | Ħarġa Numru: 334

## INSELLMILKOM



Il-Prepostu - Dun Anton Cassar

**Għixien ta' valuri u ġesti zgħar ta' kuljum jgħinu biex tinbena l-PAĊI u jinġieb il-FERĦ**

Is-sena 2009 wriet mal-ewwel li mhux biżżejjed li tbiddel il-kalendarju u l-affarijiet jisparixxu jew jiġu f'posthom. L-eredita' minn tas-sena l-oħra li tgħosfor tul it-triq taż-żmien hija ftit li xejn. Fost dawk li jibqgħu hemm ħafna traġedji li d-dinja qed tkompli tfur bihom. Fil-bidu tas-sena 2009 kellna il-kwistjoni ta' l-Istrixxa ta' Gaza. Ir-raids u l-attakki tal-ajruplani u dħul tal-armata, kif ukoll ir-rockets sparati lejn il-belt juru li l-konflitt jeżisti. Min-naħa l-oħra hemm id-defiċit li qed jaħkem l-umanita' , li ġiet minħabba l-qgħada mwegħra finanzjarja u ekonomika li nfirxet mad-dinja kollha.

Quddiem dawn iċ-ċirkostanzi u oħrajn ta' tip familjari, tista' tidher banali li titkellem dwar il-bidla tal-qlub - il-**Konverżjoni.** Iżda ż-żmien li qegħdin fih, **ir-Randan**, **hu qabel kollox żmien ta' Alla**, allura kollox jista' jkun possibbli. Kien il- Konċilju Vatikan II li fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija, reġa ġab ir-Randan fit-tradizzjoni primitiva tal-Knisja: dik ta' preparazzjoni ta' katekumenu għas-Sagrament tal-Magħmudija u s-Sagramenti ta' inizjazzjoni nisranija u l-oħra ta' penitenza għall-midinbin imsejħa għall-konverżjoni.

Kif qalulna l-Isqfijiet fil-Pastorali tar-Randan:**"In-nisrani veru ma jikkuntentax ruħu bil-ftit jew bl-inqas, imma jinpenja ruħu bis-sħiħ f'mixja wara Kristu flimkien mal-Knisja."**
Dan hu l-qofol tar-Randan - **Il-Misteru tal-Għid** jiġifieri t-tbatija , il-mewt u l-qawmien ta' Ġesu' Kristu. San Pawl hu ta' gwida għalina, għax hu għamel lil Kristu ċ-ċentru ta' ħajtu. "Għalija l-ħajja hi Kristu u l-mewt hi rebħ."

J'Alla nuru li l-ferħ tagħna mhux ġej mill-ħwejjeġ tal-art, imma mill-ħwejjeġ tas-sema.Allura bl-għixien tal-valuri nsara u ġesti żgħar ta' kull jum nkunu nistgħu nibnu għajnuna ħalli ħutna ma jaqgħux fin-nasba u jintilfu.

**Ejjew kemm bħala ndividwi u kemm u kemm bħala familji Nsara nwieġbu bis-sħiħ.**

Tislijiet u talb.

***Dun Anton***

**UFFIĊĊJU PARROKKJALI**

4 Triq is-Santwarju
Birkirkara BKR 2304

Tel. 21444725
Fax. 21445540
info@bazilikasantelena.com
www.bazilkasantelena.com

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa

Fil-għodu 10.00 - 11.45
Fil-għaxija 5.00 - 7.00

**Prepostu Arċipriet:**
Dun Anton Cassar

**Viċijiet:**
Kan Dun Michael Borg
Kan Dun Charles Gauci

**Fil-Bażilka**
**Qrar:**
**Is-Sibt:** mill-3.45pm 'l quddiem
**Il-Ħadd:** Fil-għodu u fil-għaxija, bejn kull Quddiesa. (Sagristija).


CASA ANTONIA

Residential and Nursing Home
Pope Alexander VII Junction
Balzan BZN 02

**Informazzjoni:**
Tel: 21470677/8
Fax: 21496278
Website:
www.casa-antonia.com.mt
email:
info@casa-antonia.com.mt

John Tonna
Tel: 21440146


## Kalendarju Liturġiku April

**Mal-Kalendarju araw id-Direttorju Ekleżżjastiku u dak li jidher f'paġna 3 dwar il-Programm tal-Ġimgħa Mqaddsa.**

| | | |
|---|---|---|
| L-Erbgħa 15: | | Ħarġa: Dar tal-Providenza Siġġiewi mal-Kummissjoni Djakonija. Ikkuntattja membri tal-Kummissjoni. |
| Il-Ħamis 16: | | Knisja ta' San Franġisk t'Assisi jibdew il-Kwaranturi sal-Ħadd 19 ta' April. |
| | 7.00pm | Bażilika: Adorazzjoni mmexxija mill-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin. |
| Il-Ħadd 19: | 4.30pm. | Knisja S, Rokku:Jum il-Ħniena Divina |
| | 7.45am | Vjatku solenni li jgħaddi minn Triq S. Rokku;Triq l-Imsida; Triq Rigu; Triq il-Kbira u Sqaq Dun Perin u l-Pjazza. |
| It-Tlieta 21: | 9.15am | Tluq mill-Pjazza għal żjara f'S.Vincenz de Paule. Jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali jew għand Anglu Gatt Tel: 21 44 39 32 |
| Il-Ħamis 23: | 5.15pm | Bażilika: Laqgħa dwar l-Għid għat-tfal tad-djar tad-Duttrina. |
| | 7.00pm | Bażilika:Adorazzjoni mmexxija mill-Lega Riparatriċi. |
| Il-Ħadd 26: | 7.45am | Vjatku Solenni li jgħaddi minn Triq S. Elena; Pjazza S.Franġisk; Triq il-Kbira Ħassajjied; Triq Francesco Buhagiar; Triq Injazju S.Mifsud; Triq is-Salib Imqaddes;Triq John Borg;Triq F.S.Mifsud; Triq Brared; Triq il-Kbira u Pjazza. Fil-Knejjes issir il-**Ġabra għall-karita'** tmur għal diversi djar u ħidmiet ta' Karita' li l-Knisja f'Malta hi npenjata fihom. |
| It-Tlieta 28: | 9.30am | Sala t'isfel taċ-Ċentru Coffee Morning b'riżq il-ħidma tad-Djakonija fil-Parroċċa |
| Il-Ħamis 30: | 7.00pm | Bażilika Adorazzjoni mmexxija mis-sorijiet tal-Parroċċa. Sala ta' Fuq taċ-Ċentru: Ftuħ tal-Wirja dwar xogħolijiet tal-istatwarju Carlo Darmanin. |

# IL-ĠIMGĦA MQADDSA



**L-Erbgħa 01 ta' April**
Ċelebrazzjoni Penitenzjali
**8.30pm** Quddiesa
**7.00pm** Ċelebrazzjoni Penitenzjali bis-smiegħ tal-Kelma t'Alla u eżami tal-kuxjenza. Wara jsir il-Qrar individwali. Ikun hemm diversi saċerdoti.



**ID-DULURI Il-Ġimgħa 03 ta' April (tibda l-Ġimgħa tas-Sagrifiċċju)**
Il-ħin tal-quddies fil-Bażilika jkun fis-**6.00am, 7.00 am, 7.45am, 9.00am, 10.00am, 11.00am, nofs inhar**.
**9.30am** Għeluq tal-Eżerċizzi għal kulħadd u wara quddiesa
**5.00pm** Rużarju.
**5.30pm** Via Matris (L-Istazzjonijiet qegħdin fil-kappella fejn hemm l-Istatwa ta' S. Liena.)
**6.00pm** Quddiesa u wara l-Purċissjoni li tgħaddi mill-Pjazza, Triq Brared, Triq Anġlu Mallia, Triq il-Wied, Triq il-Kbira u l-Pjazza.
Wara għal ħabta tas-7.30pm quddiesa bi ħsieb fuq id-Duluri



**ĦADD IL-PALM 05 ta' April JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ**
**9.00am** Tberik taż-Żebbuġ u purċissjoni mis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba għall-Bażilika. Wara, quddiesa konċelebrata bil-Qari tal-Passjoni. (Fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd titqassam tifkira ta' Ħadd il-Palm)



**ĦAMIS IX-XIRKA 09 ta' April**
(Fil-għodu ma jkunx hemm quddies)
**7.00am** Bażilika: Reċita tal-Liturġija tas-sigħat.
**9.00am** Fil-Konkatidral ta' San Ġwann tal-Belt Valletta.Quddiesa tat-Tberik taż-żjut tal-Griżma.
**6.30pm** Konċelebrazzjoni - Tifkira tat-Twaqqif tal-Ewkaristija u s-Saċerdozju. Ningħaqdu lkoll f'Quddiesa Waħda.
**8.15pm** Is-Seba' Vi¿ti
**10.30pm** Siegħa Adorazzjoni Komunitarja
*Dawk li jixtiequ jieħdu sehem fit-tiżjin tas-Sepulkru permezz tal-ward preferibbilment abjad, għandhom iġibuhom fis-Sagristija sal-Erbgħa filgħodu.*



**IL-ĠIMGĦA L-KBIRA 10 ta' April**
(Filgħodu ma jkunx hemm quddies)
**Hemm l-Obbligu tas-Sawm u ma jiswix laħam.**
**7.00am** Reċta tal-Liturġija tas-Sigħat mal-Kapitlu.
**8.00am** VIżti tas-7 Knejjes.
**9.15am** Adorazzjoni għat-tfal immexxija miċ-Ċentri tad-Duttrina.
**10.00am** Reċta tal-Liturġija tas-Sigħat
**3.00pm** It-Tifkira tal-Passjoni tal-Mulej: Funzjoni bil-qari tal-Passjoni, l-Adorazzjoni tas-Salib u Tqarbin Imqaddes.
Il-Funzjoni tispiċċa f'ħin biex wieħed ikun jista' jmur jara l-Purċissjoni f'parroċċa oħra.



**SIBT IL-GĦID 11 ta' April**
(Filgħodu ma jkunx hemm Quddies)
**7.00am** Reċta tal-Liturġija tas-Sigħat mal-Kapitlu
**5.30pm** Qrar
**8.00pm** Quddiesa tal-Vġili tal-Għid li fiha jsir
*It-tberik tan-Nar
*Qari tal-Kelma t'Alla
*Ċelebrazzjoni u Tberik tal-Ilma tal-Magħmudija
*Ewkaristija
Wara l-funzjoni fuq iz-Zuntier naqsmu l-ferħ tal-Għid flimkien.

**L-GĦID IL-KBIR 12 ta' April**
Il-Ħin tal-quddies ikun bħal dak ta' kull nhar ta' Ħadd.
**9.30am** Quddiesa Prepositali tal-Għid.
**5.30pm** Għasar tal-Għid

## ***TBERIK_ TAL-FAMILJI***

**It-Tnejn 13 ta' April**
*Triq is-Santwarju, Sqaq Bużaqq, Triq Santa Elena (minn Pjazza San Franġisk sa Triq is-Santwarju) u Pjazza S. Elena
*Triq tal-Ħerba
*Triq S.Elena (mill-pjażża l-isfel)
*Triq S.Ġużepp, Triq id-Dejqa
*Sqaq Sampusa

**It-Tlieta 14 ta' April**
*Triq S. Ġiljan (minn 260 mal-hajt tal-Knisja ta' S. Rokku ; Sqaq Nu.1, S. Ġiljan, Misraħ it-Tiġieġ u parti li tmiss ma' Triq S. Ġiljan)
*Sqaq Dun Vestru, Sqaq Bażżaru u Sqaq Bużawra
*Triq S. Ġiljan (minn Nu.305 - 229 A)
*Sqaq l-Għargħar u Triq Kavalier Alenton

**Il-Ħamis 16 ta' April**
*Triq Tumas Fenech (naħa tal-Kunsill Lokali) Triq Dun Karm (il-Blokk ta' ħdejn l-Aplan showroom), Triq Anton Galea.
*Triq Tumas Fenech u Sqaq (naħa ta' St. Helen's Pharmacy) Triq Karmenu Sammut
*Triq Għar il-Ġobon (min-naħa ta' Triq S. Ġiljan ) u Sqaqien 2, 3, u 4
*Triq Għar il-Ġobon (nibdew minn Triq S.Ġiljan u Sqaq Nu.1)

**Il-Ġimgħa 17 ta' April**
*Triq il-Laqxija u Blocks M1, D u B u l-Blocks C, M2, M3, N fi Triq il-Wegħdiet
*Triq Ven. Nazju Falzon, Block E,H, I; Pjazza Joseph Briffa
*Triq il-Laqxija Blocks J, K, L, G, F, A.
*Triq il-Kbira Hassajjied (minn tarf it-Triq S. Kostantinu sa Kantuniera Misraħ Joseph Briffa) u Sqaq Rajżi.
*Triq il-Kbira Ħassajjied (minn Misraħ Joseph Briffa sa Triq Għargħur) Sqaq Decelis, Nannuwa, Triq Decelis.

**It-Tnejn 20 ta' April**
*Triq il-Vitorja (minn Triq il-Kbira Ħassajjied in-naħa ta' Yellow Phase)
*Sqaq il-Vitorja, Mogħdija tal-Vitorja
*Triq Ħassajjied u Sqaq nru.1 u Sqaq nru 2.

**It-Tlieta 21 ta'April**
*Triq il-Għargħur (kollha) u Triq ir-Raddiena
*Triq Giovanni Mamo, Triq il-Ftieħ, Triq Dun Karm (il-parti li tmiss ma' Triq il-Għargħur)
*Triq Kan K. Pirotta
*Triq Ġużeppi Licari , Triq Jannara.

**L-Erbgħa 22 ta' April**
*Sqaq it-Tiġieġ u Triq Dun Karm (tibda minn Sqaq il-Għoġla sat-tarf)
*Triq S.Ġiljan (mill-Bypass sa S.Ġwann Estate)
*Triq it-Torri sa Sqaq it-Torri
*Triq Dun Karm (minn Triq G.Papafy sa Triq S.Ġiljan – taħt il-Bypass)

**Il-Ħamis 23 ta' April**
*Triq S. Kostantinu , Sqaq Kantur
*Triq it-Taħħan, Triq Mons Alfred Mifsud
*Sqaq Kanċella, Sqaq Moħli, Sqaq Dun Perin
*Triq is-Salib Imqaddes, Triq Melitella

**Il-Ġimgħa 24 ta' April**
*Triq Bwieraq (nibdew in-naha ta' Triq il-Kbira)
*Triq Ig.Saverio Mifsud
*Triq Francesco Buhagiar

***ikompli f'paġna 5...***

***...ikompli imnn paġna 4***

**It-Tnejn 27 ta' April**
*Triq F.S.Caruana
*Triq John Borg (mit-tarf ta' Triq Dun Karm sa Triq I.S.Mifsud)
*Triq John Borg (mit-Triq I.S.Mifsud l-isfel) u Sqaq S.Pawl

**It-Tlieta 28 ta' April**
*Triq Imnajjar u Triq Brared (quddiem l-iskola Primarja)
*Triq Brared (nibdew minn Triq il-Kbira)
*Triq l-Isqof Labini
*Triq Rigu, Sqaq Rigu, u Triq iż-Żebbiegħa

**L-Erbgħa 29 ta'April**
*Triq il-Kbira (nibdew minn Triq il-Wied)
*Triq Qrejżu, Triq il-knisja l-Qadima, Sqaq Sabella
*Sqaq Biċċiera

**Il-Ħamis 30 ta'April**
*Triq S.Rokku (mill-Kappella sa Sqaq Karla) Sqaq Karla u Triq S.Rita
*Triq S. Rokku (minn Triq il-Wied il-fuq) u Sqaq S.Rokku
*Triq Gazzija u Triq R. Farrugia Randon

**It-Tnejn 4 ta' Mejju**
*Triq l-Imsida u Sqaqien (minn Triq il-Kbira sa Triq il-Wied)
*Triq l-Ibgħal, Triq is-Sienja, Triq Mons.Karm Bonnici
*Triq Kalċidon Gatt
*Triq S. Sommier (tibda minn Triq Girasol).

**It-Tlieta 5 ta' Mejju**
*Triq l-Aħwa Cannataci
*Triq L.Casolani (min-naħa ta' Triq Mons.Karm Bonnici)
*Triq Girasol, Blocks A, Block C, Block B1, Bieb A,.Block B, Bieb B1 u Block D, kantuniera ma' Triq Casolani u Triq Girasol.

**L-Erbgħa 6 ta' Mejju**
*Triq Mons Depiro u Triq Agnes Schembri
*Triq Ċikku Bonaci
*Triq Mose' Gatt
*Triq Bernard Blanc, Triq Lorenzo Gatt

**Il-Ħamis 7 ta' Mejju**
*Triq Giovanni Papaffy
*Triq Olaf Gollcher (il-parti ta' fuq) Triq Dun Karm (ħdejn il-gabbana)
*Triq Ċensu Costa u Triq Tumas Galea.

**Il-Ġimgħa 8 ta' Mejju**
*Triq Fonzu M.Galea u Blocks B u C1
*Block C2 u Block C3 ta' Triq F.M Galea
*Block C4 u C5 fi Triq F.M.Galea
*Triq Olaf Gollcher (il-parti t'isfel) Triq Vincenzo Bugeja u Ringiela E2,C,E3

**It-Tnejn 11 ta'Mejju**
*Trejqa u Triq il-Qasab
*Triq il-Qalb Imqaddsa
*Triq Santa Marija
*Triq Wignacourt

***ikompli f'paġna 6...***

*...ikompli minn paġna 5*

**It-Tlieta 12 ta' Mejju**
*Triq il-Wied u Sqaq 1; taħt il-Pont
*Triq it-Torri Wejter
*Villa Eugene

**L-Erbgħa 13 ta'Mejju**
*Triq Grech Delicata, Block A u Ringiela B,E1
*Triq Grech Delicata (quddiem l-iskola) u Triq Paris.
*Triq il-Plejju, Triq iċ-Ċeżalpina u Ringiela A
*Triq Dun Filippu Borg

**Il-Ħamis 14 ta' Mejju**
*Triq Salvu Psaila (naħa ta' Triq Fleur de Lys)
*Triq Gejtanu Mannarino

**Il-Ġimgħa 15 ta' Mejju**
*Tal-Balal, Tal-Qasbi u Triq il-Wied tal-Imsida.
*Triq Fleur de Lys (minn Triq il-Wied)

***Notamenti għat-Tberik***

- Innota l-jum meta jmiss it-tberik fit-triq tiegħek biex tkunu ppreparati. It-tberik jibda' minn diversi toroq fl-istess ħin fil-5pm. Dan hu mmarkat bil-bullet point.
- Min ma jistax ibierek fid-data mmerkata, jista' jċempel lill-Prepostu u jagħmel appuntament miegħu.
- Ftakar li s-saċerdot ibierek il-familja u mhux il-ġebel. Għalhekk, safejn hu possibli, għandhom ikunu preżenti l-membri kollha biex jitolbu flimkien.
- It-tberik mhux forma ta' Home Visit. Jekk tixtieq tiddiskuti xi ħaġa mas-saċerdot, hu ċ-ċans u agħmel appuntament.
- Mhux possibbli li s-saċerdot joqgħod jiekol u jixrob waqt it-tberik.
- L-offerti li tagħti fit-tberik imorru għall-bżonnijiet pastorali, għall-abbatini u għas-sagristan.




Il-Prepostu u l-Kapitlu Elenjan, flimkien mall-Kunsill Pastorali Parrokkjali jixtiequ lilek u lill-familja tiegħek l-GĦID IT-TAJJEB. Jistednuk biex taqsam mal-Komunita' l-esperjenza ta' Ċelebrazzjoni u Talb matul il-Ġimgħa Mqaddsa fit-talb u bis-sehem fil-funzjonijiet ta' Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Velja tal-Għid.






**"TWO COURSES FROM A PROFESSIONAL TEACHER WILL START SOON. INDIVIDUAL ATTENTION WILL BE GIVEN.**

- **Ladies and men's clothing craft** (ħjata bl-iskwerra)
- **Dress Cutting -Ladies.**
- **Alteration on dresses, coats, evening dresses and men'suits & others, trousers, ladies & men's**

*For more information phone:* ***21 490 474***
*Mob:* ***99 257 358***





# *Mill-ħajja tal-Parroċċa*

## Frar

**Issieħbu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija:**
Lyza Cachia; Zack Zammit; Calvin Borg; Martina Briffa; Julian Camilleri; Shaneel Falzon; Bannister Harry; Jake Manduca.

**Ingħaqdu mal-Mulej fil-Mistrieħ ta' Dejjem:**
Alfred Borg; Victoria Orsini; Eleno Grech, Mario Borg; Joseph Grima; Maria Borg; Francis Borda; Emma Agius; Joseph Spiteri; Gużeppa Pace.

## Suffraġji

* Il-Familja Grech toffri €5 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom Spiru Grech li jagħlaq 32 sena mejjet fit-2 ta' April.
* Rita Casha toffri €5 b'suffraġju tal-għażiż żewġha Ġużeppi Casha li jagħlaq 23 sena mejjet fit-3 ta' April.
* Doris Agius toffri €5 b'suffraġju tal-għażiża ommha Ġużeppa Schembri li tagħlaq 7 snin mejta fil 5 ta' April.
* Helen Bonello toffri €5 b'suffraġju tal-għażiża tagħha Marianna Bonello li tagħlaq 11-il sena mejta fl-10 ta' April.
* Giovanna Zammit toffri €5 b'suffraġju tal-għażiża oħtha Carmela Zammit li tagħlaq 18 -il sena mejta fil-25 ta' April.
* Antoinette Bugeja toffri €10 b'suffraġju tal-għeżież ġenituri tagħha Carmenu u Salvina Bugeja u tal-għażiż neputi Vince Bugeja.
*Gracie Axiaq toffri €5 b'suffraġju tal-għeżież tagħha George u Joe Axiaq li għalqu 21 u 29 sena mejta fit-8 ta' Marzu u fil-21 ta' April.
*Rita Grech u bintha Dorianne joffru €5 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom Twanny Grech li jagħlaq 22 sena mejjet fit-22 ta' April.

## Ħbieb

Agnes Saliba; Doris Gauci; M.A.Borg; Ahwa Caruana; Joanne Gauci; Joseph Saliba; Anna Debono; Josephine Borg; C.Zammit; Nena Grima; Annie Agius; Marcella Borg; Rita Casha; Claudette Sciberras; Helen Gauci; Mary Vella.

€1.89 permezz ta' Carolina Debono
€3.50 permezz ta' G.Grech minn Dun Perin Lane
€5.00 permezz ta' Carmen Bonett
€5.00 permezz ta' Josephine Borg
€2.00 permezz ta' Doris Pulo

LAURENS WATCHES
**G.B. JEWELLERY**
GEORGE BUSUTTIL
451, Fleur-de-lys Road, B'Kara - Tel: 21 499 679
LORENZ WATCHES